MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 634/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Dennis Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Dennis Vella ta’ 21 sena bin Michael u Maria Monica nee’ Micallef, imwieled Pieta’ fis-06 ta’ Ottubru 1988 u residenti 21 ‘Windermere’ Triq ill-Blanzuni, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ numru 479988(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’Jannar 2010 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkupja jew biegh, qassam

jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, ai termini, ai termini ta' l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Gunju, 2010 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, kkunsidrat il-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll kkunsidrat il-fatt li l-imputat kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------